

31978L0692

26.8.1978

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 236/13

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-25 ta' Lulju 1978

li temenda d-Direttivi 66/400/KEE, 66/401/KEE, 66/402/KEE, 66/403/KEE, 68/193/KEE, 69/208/KEE u 70/458/KEE fuq il-marketing taż-żerriegħa tax-xitla tal-pitravi, taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf, taż-żerriegħa taċ-ċereali, tal-patata taż-żriġħ, tal-materjal għall-propagazzjoni veġetali tad-dielja, taż-żerriegħa taż-żejt, u tal-pjanti tal-fibra u taż-żerriegħa tal-ħxejjex

(78/692/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾;

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾,

Billi, għar-raġunijiet mogħtija hawn taħt, ċerti Direttivi dwar il-kummerċ taż-żerriegħa u l-materjali tal-propagazzjoni għandhom ikunu emendati;

Billi d-disposizzjonijiet preżenti tad-Direttivi rigward l-ippakkjar u l-marki taż-żerriegħa u l-materjali tal-propagazzjoni ma jikkunsidrawx il-progress tekniku fl-isfera tal-materjali ta' l-ippakkettjar, tas-sistemi tas-sigillari u l-metodi tat-tikkettjar; billi għandhom għalhekk ikunu aġġornati;

Billi, wkoll fil-każ tal-patata taż-żriġħ, kampjuni għall-eżami tat-tuberi għaċ-ċertifikazzjoni għandhom jittieħdu uffiċjalment bi qbil mal-metodi xierqa,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/400/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tax-xitla tal-pitravi ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/55/KEE ⁽⁴⁾, għandha tkun emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 10(1) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti taż-żerriegħa bażika u taż-żerriegħa ċertifikata, apparti minn meta l-kategorija ta' dik ta' l-aħħar tiegħu l-forma ta' pakketti

żgħar tal-KEE, ikunu ssiġillati uffiċjalment jew taħt is-superviżjoni uffiċjali b'tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma jinkiser is-siġill jew iħallu evidenza li kien imbabas, jew fuq it-tikketta uffiċjali li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 11(1), jew fuq il-pakkett.

Sabiex jassiguraw is-sigillari, is-sistema tas-siġill għandha tinkludi mill-inqas, jew it-tikketta hawn fuq imsemmija, jew it-tqegħid ta' siġill uffiċjali.

Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom fit-tieni subparagrafu ma jkunux meħtieġa meta s-sistema tas-siġill li ma tistax terġa' tintuża tkun użata.

Bi qbil mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 21, jista' jkun stabbilit jekk sistema partikolari ta' sigillari tkunx twettaq id-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu."

2. Fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 10(2), il-kliem "jew taħt is-superviżjoni uffiċjali" għandhom jiddaħħlu wara "uffiċjali".

3. L-Artikolu 10(3) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti żgħar tal-KEE jkun ssiġillati b'tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma tinkiser is-sistema tas-sigillari jew li jħallu evidenza li kien imbabas, fuq it-tikketta jew fuq il-pakkett. Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 21, jista' jkun stabbilit jekk sistema partikolari ta' sigillari tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu. Il-pakketti ma jistgħux jerġgħu jkun ssiġillati f'wagħda jew f'faktar okkażjonijiet apparti milli taħt is-superviżjoni uffiċjali."

⁽¹⁾ ĠU C 183, ta' l-1.8.1977, pġ. 64.

⁽²⁾ ĠU C 180, tat-28.7.1977, pġ. 29.

⁽³⁾ ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2290/66.

⁽⁴⁾ ĠU L 16, ta' l-20.1.1978, pġ. 23.

4. Fl-Artikolu 14(3)(c), il-partikolaritajiet li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-inċiż “numru ta’ riferenza tal-lott”:

“— ix-xahar u s-sena tas-sigilliar,

jew

— ix-xahar u s-sena ta’ l-aħħar teħid uffiċjali tal-kampjuni għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni.”

5. Fl-Anness III(A)(I), li ġej huwa miżjud:

“3. ix-xahar u s-sena tas-sigilliar espressi hekk: ‘issiġillat ...’ (ix-xahar u s-sena),

jew

ix-xahar u s-sena ta’ l-aħħar teħid uffiċjali tal-kampjuni għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni espressi hekk: ‘il-kampjun ittieħed ...’ (ix-xahar u s-sena).”

Artikolu 2

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta’ l-14 ta’ Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tax-xitla ta’ l-għalf ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/386/KEE ⁽²⁾, għandha tkun emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 9(1) għandu jkun mibdul b’dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti taż-żerriegħa bażika, taż-żerriegħa ċertifikata u taż-żerriegħa kummerċjali, apparti minn meta ż-żerriegħa ta’ l-aħħar żewġ kategoriji jieħdu l-forma ta’ pakketti żgħar B tal-KEE, ikunu ssiġillati uffiċjalment jew taħt is-superviżjoni uffiċjali b’tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma ssir ħsara lis-sistema tas-sigilliar jew iħallu evidenza li sar tbaħbi jew fuq it-tikketta uffiċjali li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 10(1) jew fuq il-pakkett.

Sabiex jassiguraw is-sigilliar, is-sistema tas-sigilliar għandha tinkludi mill-anqas jew it-tikketta msemija hawn fuq jew it-tqegħid ta’ siġill uffiċjali.

Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom fit-tieni subparagrafu ma jkunux meħtieġa meta s-sistema tas-sigilliar li ma tistax terġa’ tintuża, tkun użata.

Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 21, jista’ jkun stabbilit jekk sistema partikulari ta’ sigilliar tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu.”

2. Fl-ewwel sentenza ta’ l-Artikolu 9(2), il-kliem “jew taħt is-superviżjoni uffiċjali” għandhom jiddaħħlu wara “uffiċjali”.

3. L-Artikolu 9(3) għandu jkun mibdul b’dan li ġej:

“3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti żgħar B tal-KEE jkunu ssiġillati b’tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma tinkiser is-sistema tas-sigilliar jew iħallu evidenza li kien imbabas fuq it-tikketta jew fuq il-pakkett. Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 21, jista’ jkun stabbilit jekk sistema partikulari ta’ sigilliar tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta’ dan il-paragrafu. Il-pakketti ma jistgħux jerġgħu jkunu ssiġillati f’waħa jew aktar okkażjonijiet apparti milli taħt superviżjoni uffiċjali.”

4. Fl-Artikolu 14(3)(c), il-partikolaritajiet li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-inċiż “numru ta’ riferenza tal-lott”:

“— ix-xahar u s-sena tas-sigilliar,

jew

— ix-xahar u s-sena ta’ l-aħħar teħid uffiċjali tal-kampjuni għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni.”

5. Fl-Anness IV(A)(I), li ġej huwa miżjud taħt (a):

“3.a ix-xahar u s-sena tas-sigilliar espressi hekk: ‘issiġillat ...’ (ix-xahar u s-sena),

jew

ix-xahar u s-sena ta’ l-aħħar teħid uffiċjali tal-kampjuni għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni espressi hekk: ‘il-kampjun ittieħed ...’ (ix-xahar u s-sena).”

6. Fl-Anness IV(A)(I), li ġej għandu jkun miżjud taħt (b):

“4.a ix-xahar u s-sena tas-sigilliar espressi hekk: ‘issiġillat ...’ (ix-xahar u s-sena),

jew

ix-xahar u s-sena ta’ l-aħħar teħid uffiċjali tal-kampjuni għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni espressi hekk: ‘il-kampjun ittieħed ...’ (ix-xahar u s-sena).”

7. Fl-Anness IV(A)(I), li ġej għandu jkun miżjud taħt (ċ):

“3.a ix-xahar u s-sena tas-sigilliar espressi hekk: ‘issiġillat ...’ (ix-xahar u s-sena),”

⁽¹⁾ ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2298/66.

⁽²⁾ ĠU L 113, tal-25.5.1978, pġ. 1.

Artikolu 3

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/402/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa taċ-ċereali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/387/KEE ⁽²⁾, għandha tkun emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 9(1) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti taż-żerriegħa bażika u ż-żerriegħa ċertifikata tal-kategoriji kollha jkunu ssiġillati uffiċjalment jew taħt is-superviżjoni uffiċjali b'tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma ssir ħsara lis-sistema tas-siġillar jew iħallu evidenza li jkun sar tbabis jew fuq it-tikketta uffiċjali li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 10(1) jew fuq il-pakkett.

Sabiex jassiguraw is-siġillar, is-sistema tas-siġillar għandha tinkludi mill-anqas jew it-tikketta msemmija hawn fuq jew it-tqegħid ta' siġill uffiċjali.

Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom fit-tieni subparagrafu ta' hawn fuq ma jkunux meħtieġa meta s-sistema tas-siġillar li ma tistax terġa' tintuża, tkun użata.

Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 21, jista' jkun stabbilit jekk sistema partikulari ta' siġillar tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu."

2. Fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 9(2), il-kliem "jew taħt superviżjoni uffiċjali" għandhom jiddaħħlu wara "uffiċjali".

3. Fl-Artikolu 14(3)(c), li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-inċiż "numru ta' riferenza tal-lott":

— ix-xahar u s-sena tas-siġillar,
jew

— ix-xahar u s-sena ta' l-aħħar teħid uffiċjali tal-kampjuni għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni."

4. Fl-Anness IV(A), li ġej huwa miżjud taħt (a):

"3a. ix-xahar u s-sena tas-siġill espressi hekk: 'issiġillat ...' (ix-xahar u s-sena),

jew

ix-xahar u s-sena ta' l-aħħar teħid uffiċjali tal-kampjuni għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni espressi hekk: 'il-kampjun ittieded ...' (ix-xahar u s-sena)."

5. Fl-Anness IV(A), li ġej huwa miżjud taħt (b):

"3a. ix-xahar u s-sena tas-siġillar espressi hekk: 'issiġillat ...' (is-sena u x-xahar)."

Artikolu 4

Id-Direttiva tal-Kunsill 66/403/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1966 dwar il-kummerċ tal-patata taż-żriġħ ⁽³⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 77/648/KEE ⁽⁴⁾, għandha tkun emendata kif ġej:

1. L-Artikolu li ġej għandu jkun miżjud:

"Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li, għall-eżaminazzjoni taż-żerriegħa tat-tuberi tal-patata għaċ-ċertifikazzjoni, kampjuni jkunu meħuda uffiċjalment bi qbil mal-metodi xierqa."

2. L-Artikolu 9(1) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti tal-patata bażika taż-żriġħ u l-patata ċertifikata jkunu ssiġillati uffiċjalment jew taħt is-superviżjoni uffiċjali b'tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma ssir ħsara lis-sistema ta' għeluq jew iħallu evidenza li jkun sar tbabis jew fuq it-tikketta uffiċjali li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 10(1) jew fuq il-pakkett.

Sabiex jassiguraw l-għeluq, is-sistema tas-siġillar għandha tinkludi mill-anqas jew it-tikketta msemmija hawn fuq jew it-tqegħid ta' siġill uffiċjali.

Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom fit-tieni subparagrafu ta' hawn fuq ma jkunux meħtieġa meta s-sistema tas-siġillar li ma tistax terġa' tintuża, tkun użata.

Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 19 jista' jkun stabbilit jekk sistema partikulari ta' siġillar tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu."

3. Fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 9(2), il-kliem "jew taħt is-superviżjoni uffiċjali" għandhom jiddaħħlu wara "uffiċjali".

4. L-Artikolu 10 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

"Artikolu 10

1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti u l-kontenituri tal-patata bażika taż-żriġħ u tal-patata ċertifikata taż-żriġħ:

⁽¹⁾ ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2309/66.

⁽²⁾ ĠU L 113, tal-25.4.1978, pġ. 13.

⁽³⁾ ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2320/66.

⁽⁴⁾ ĠU L 261, ta' l-14.10.1977, pġ. 21.

- (a) jkunu ttikkettjati minn naħa ta' barra b'tikketta uffiċjali li ma tkunx intużat qabel, li taderixxi mal-kondizzjonijiet elenkati fl-Anness III u li l-partikularitajiet tagħhom ikunu pprovduti f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Komunità. Il-kulur tat-tikketta għandu jkun abjad għall-patata bażika taż-żriġ u ikkal għall-patata taż-żriġ iċċertifikata. Meta tikketta b'toqba għal qafra hija użata, it-twaħħil tagħha għandu jkun assigurat fil-każi kollha b'siġill uffiċjali. L-użu ta' tikketti uffiċjali li jeħlu għandu jkun awtorizzat. Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 19, l-istampar li ma jitħassrux tal-partikularitajiet preskritti fuq il-pakkett bi qbil mal-mudell tat-tikketta jista' jkun awtorizzat taħt is-superviżjoni uffiċjali;
- (b) ikun fihom dokument uffiċjali, bl-istess kulur tat-tikketta, li jipprovdi mill-inqas il-partikularitajiet meħtieġa tat-tikketta meħtieġa permezz ta' l-Anness III(A)(3), (4) u (6). Dan id-dokument għandu jkun mħejji b'tali mod li ma jkunx imfixkel mat-tikketta uffiċjali li hemm referenza dwarha taħt (a).

Dan id-dokument ma jkunx meħtieġ jekk il-partikularitajiet ikunu stampati b'mod li ma jitħassrux fuq il-pakkett jew jekk, bi qbil mad-disposizzjonijiet taħt (a), tat-tikketta li teħel, jew tat-tikketta magħmula minn materjal li ma jitqattax meta jkun użat.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu għal derogi mill-paragrafu 1 fil-każ ta' pakketti żgħar meta jkunu mmarkati: 'Għadda għall-kummerċ fi ...' (l-Istat Membru kkonċernat) biss."

5. Fl-Artikolu 13(1), il-kliem "immarkat u ssiġillat uffiċjalment jew taħt is-superviżjoni uffiċjali" għandhom jibdlu "uffiċjalment immarkat u ssiġillat".
6. Fl-Artikolu 13(4)(ċ), li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-inċiż "numru ta' referenza tal-lott":
- ix-xahar u s-sena tas-siġill."
7. Fl-Anness III(A), li ġej huwa miżjud:
- "3a. ix-xahar u s-sena tas-siġill."
8. Fl-Anness III(A), il-punt 9 għandu jkun imħassar.

Artikolu 5

L-Artikolu 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 68/193/KEE tad-9 ta' April 1968 dwar il-kummerċ tal-materjal għall-propagazzjoni veġetali tad-dielja ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/55/KEE għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

⁽¹⁾ ĠU L 93, tas-17.4.1968, pġ. 15.

"Artikolu 9

L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti u l-mazz tal-materjal tal-propagazzjoni jkunu ssiġillati b'tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma ssir ħsara lis-sistema tas-siġillar jew iħallu evidenza li jkun sar tbaħbi jew fuq it-tikketta uffiċjali li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 10(1) jew - fil-każ tal-pakketti - fuq il-pakkett. Għandhom ikollhom ukoll ċomba jew mezz ekwivalenti ta' siġill imwawħhal mill-persuna responsabbli li twawħhal it-tikketti. Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 17 jista' jkun stabbilit jekk sistema partikulari ta' siġillar tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Il-pakketti ma jistgħux jergħu jkunu ssiġillati f'waħda jew aktar okkażjonijiet ħliet taħt is-superviżjoni uffiċjali."

Artikolu 6

Id-Direttiva tal-Kunsill 69/208/KEE tat-30 ta' Ġunju 1969 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa taż-żejt u l-pjanti tal-fibra ⁽²⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/388/KEE ⁽³⁾, għandha tkun emendata kif ġej:

1. L-Artikolu 9(1) għandu jkun mibdul bi:

"1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti taż-żerriegħa bażika, taż-żerriegħa ċċertifikata tal-kategoriji kollha u taż-żerriegħa kummerċjali, ikunu ssiġillati uffiċjalment jew taħt is-superviżjoni uffiċjali b'tali mod li ma jistgħux jinfetħu mingħajr ma ssir ħsara lis-sistema tas-siġillar jew mingħajr ma jħallu evidenza li jkun sar tbaħbi jew fuq it-tikketta uffiċjali li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 10(1) jew fuq il-pakkett.

Sabiex jassiguraw is-siġillar, is-sistema tas-siġillar għandha tinkludi mill-anqas jew it-tikketta msemmija hawn fuq jew it-tqegħid ta' siġill uffiċjali.

Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom fit-tieni subparagrafu ta' hawn fuq ma jkunx meħtieġa meta s-sistema tas-siġillar li ma tistax terġa' tintuża, tkun użata.

Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 20, jista' jkun stabbilit jekk sistema partikulari tas-siġillar tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu."

2. Fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 9(2), il-kliem "jew taħt is-superviżjoni uffiċjali" għandhom jiddaħħlu wara "uffiċjali".
3. Fl-Artikolu 13(3)(c), li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-inċiż "numru ta' referenza tal-lott":

⁽²⁾ ĠU L 169, ta' l-10.7.1969, pġ. 3.

⁽³⁾ ĠU L 113, tal-25.4.1978, pġ. 20.

“— ix-xahar u s-sena tat-tehd tal-kampjuni,
jew

— ix-xahar u s-sena ta' l-aħħar tehd uffiċjali tal-kampjuni
għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni.”

4. Fl-Anness IV(A) taħt (a), it-test tad-dettal 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

“— ix-xahar u s-sena tas-siġillar espressi hekk: ‘issiġillat ...’
(ix-xahar u s-sena),

jew

— ix-xahar u s-sena ta' l-aħħar tehd uffiċjali tal-kampjuni
għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni espressi hekk: ‘il-
kampjun ittieħed ...’ (ix-xahar u s-sena).”

5. Fl-Anness IV(A) taħt (b), it-test tad-dettal 4 huwa mibdul b'dan li ġej:

“— ix-xahar u s-sena tas-siġillar espressi hekk: ‘issiġillat ...’
(ix-xahar u s-sena).”

Artikolu 7

Id-Direttiva tal-Kunsill 70/458/KEE tad-29 ta' Settembru 1970 dwar il-kummerċ taż-żerriegħa tal-ħxejjex⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 78/55/KEE, għandha tkun emendata kif ġej:

1. Li ġej għandu jkun mibdul għall-Artikolu 25(1):

“1. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti taż-żerriegħa bażika u ċertifikata, li mhumiex magħmula f'forma tal-pakketti żgħar tal-KEE, ikunu ssiġillati uffiċjalment jew taħt is-superviżjoni uffiċjali b'tali mod li ma jkunux jistgħu jinfetħu mingħajr ma ssir ħsara lis-sistema tas-siġillar jew iħallu evidenza li jkun sar tbabis jew fuq it-tikketta uffiċjali li hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 26(1) jew fuq il-pakkett.

Sabiex jassiguraw is-siġillar, is-sistema tas-siġillar għandha tinkludi mill-anqas jew it-tikketta msemmija hawn fuq jew it-tqegħid ta' siġill uffiċjali.

Il-miżuri li hemm provvediment dwarhom fit-tieni subparagrafu ma jkunux meħtieġa meta s-sistema tas-siġillar li ma tistax terġa' tintuża, tkun użata.

Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 40 jista' jkun stabbilit jekk is-sistema partikulari tas-siġillar tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu.”

2. Fl-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 25(2), il-kliem “jew taħt is-superviżjoni uffiċjali” għandhom jiddaħħlu wara “uffiċjali”.

3. L-Artikolu 25(3) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“3. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-pakketti taż-żerriegħa komuni u l-pakketti żgħar tal-kategorija taż-żerriegħa ċertifikata jkun magħluqa b'tali mod li ma jistgħu jinfetħu mingħajr ma ssir ħsara lis-sistema ta' l-għeluq jew mingħajr ma jħallu evidenza li jkun sar tbabis jew fuq it-tikketta kif hemm provvediment dwarha fl-Artikolu 26(3) jew fuq il-pakkett. Ħlief fil-każ ta' pakketti żgħar, għandhom ikollhom ukoll ċomba jew mezz ekwivalenti ta' siġill imwaħħal mill-persuna responsabbli li twaħħal it-tikketti. Bi qbil mal-proċedura elenkata fl-Artikolu 40 jista' jkun stabbilit jekk sistema partikulari ta' l-għeluq tkunx taderixxi mad-disposizzjonijiet ta' dan il-paragrafu. Fil-każ ta' pakketti żgħar tal-kategorija taż-żerriegħa ċertifikata, il-pakketti ma jkunux issiġillati f'waħa jew aktar okkażjonijiet għajr taħt is-superviżjoni uffiċjali.”

4. Il-paragrafu li ġej għandu jkun miżjud ma' l-Artikolu 25:

“4. L-Istati Membri jistgħu jipprovdut għal derogi mill-paragrafi 1 u 2 fil-każ ta' pakketti żgħar taż-żerriegħa bażika.”

5. Fl-Artikolu 30(3)(c), il-partikolaritajiet li ġejjin għandhom jiżdiedu wara l-inċiż “numru ta' referenza tal-lott”:

“— ix-xahar u s-sena tas-siġillar,

jew

— ix-xahar u s-sena ta' l-aħħar tehd uffiċjali tal-kampjuni
għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni.”

6. L-Anness IV(A)(a) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

“1. Ir-regoli u n-normi tal-KEE.

2. L-awtorità taċ-ċertifikazzjoni u l-Istat Membru jew l-inizjali tagħhom.

3. Ix-xahar u s-sena tas-siġillar espressi hekk: ‘issiġillat ...’
(ix-xahar u s-sena),

jew

ix-xahar u s-sena ta' l-aħħar tehd uffiċjali tal-kampjuni
għall-iskopijiet taċ-ċertifikazzjoni espressi hekk: ‘il-
kampjun ittieħed ...’ (ix-xahar u s-sena).

⁽¹⁾ ĠU L 225, tat-12.10.1970, pġ. 7.

4. In-numru tar-referenza tal-lott.
 5. L-ispeċi.
 6. Il-varjetà.
 7. Il-kategorija.
 8. Il-pajjiż tal-produzzjoni.
 9. Il-piż nett jew gross iddikjarat jew in-numru ddikjarat taż-żerriegħa.
 10. Meta l-piż huwa indikat u l-pestiċidi f'boċċi, sostanzi f'għamla granulata jew adittivi solidi oħra huma użati, in-natura ta' l-adittiv u wkoll ir-relattività approssimattiva bejn il-piż tal-ġemgħat jew taż-żerriegħa pura u l-piż totali.
 11. Meta mill-inqas ġelbin ikun reġa' kien ittestjat, il-kliem 'ittestjat mill-ġdid ...' (ix-xahar u s-sena) jistgħu jkunu indikati."
7. L-Anness IV(B) (a) għandu jkun mibdul b'dan li ġej:
- "1. Ir-regoli u n-normi tal-KEE.
 2. L-isem u l-indirizz tal-persuna responsabbli li twaħħal it-tikketti jew il-marka ta' l-identifikazzjoni tagħha.
 3. Is-sena tal-kummerċ tas-sigillari u ta' l-aħħar eżaminazzjoni tal-ġelbin. It-tmiem tas-sena tal-kummerċ tista' tkun indikata.
 4. L-ispeċi.
 5. Il-varjetà.
 6. Il-kategorija: fil-każ tal-pakketti żgħar, iż-żerriegħa ċċertifikata tista' tkun immarkata bl-ittra 'C' jew 'Z' u ż-żerriegħa komuni bl-ittri 'ST'.
 7. In-numru tar-referenza mogħti mill-persuna responsabbli li twaħħal it-tikketti — fil-każ taż-żerriegħa komuni.
 8. In-numru tar-referenza li jippermetti l-lott iċċertifikat li jkun identifikat — fil-każ taż-żerriegħa ċċertifikata.
 9. Il-piż nett jew gross iddikjarat jew in-numru ddikjarat taż-żerriegħa, ħlief għall-pakketti żgħar sa 500 gramma.
 10. Meta l-piż huwa indikat u l-pestiċidi f'boċċi, sostanzi f'għamla granulata jew adittivi solidi oħra huma użati, in-natura ta' l-adittiv u wkoll ir-relattività approssimattiva bejn il-piż tal-ġemgħat jew taż-żerriegħa pura u l-piż totali."
- Artikolu 8*
- L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma':
- l-Artikoli 1 sa 4, 6 u 7 fil-jew qabel l-1 ta' Lulju 1977,
- u
- d-disposizzjonijiet l-oħra kollha ta' din id-Direttiva fil-jew qabel l-1 ta' Lulju 1979.
- Artikolu 9*
- Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.
- Magħmula fi Brussel, 25 ta' Lulju 1978.
- Għall-Kunsill
Il-President
H.J. ROHR